**273. L-Onor. Jason Azzopardi, l-Onor. David Agius, l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Frederick Azzopardi jipproponu:**

Illi f'dawn l-aħħar snin l-ogħla istituzzjonijiet xjentifiċi internazzjonali, fosthom anke mill-Ġnus Magħquda, ippubblikaw rapporti allarmanti dwar it-theddida reali u gravi tat-tibdil fil-klima;

Illi dawn ir-rapporti jikkonkludu b'mod mill-iktar drammatiku illi sabiex is-soqfa ambjentali ma jisfrondawx fuqna, din l-isfida jeħtieġ tkun indirizzata fil-liġijiet tal-pajjiżi kollha;

Illi dawn ir-rapporti juru li:

i. L-attività umana hija l-kawża dominanti tal-bidla fil-klima osservata matul is-seklu li għadda;

ii. Il-klima qed tinbidel u qed tikkawża temp sever, nixfiet u avvenimenti oħra estremi tat-temp, li jheddu l-ħajja tal-bniedem, il-komunitajiet u l-infrastruttura soċjali;

iii. It-tisħin globali 'il fuq minn 2 gradi Celsius lil hinn mil-livelli pre-industrijalizzati qed jikkawża, fost oħrajn, migrazzjoni tal-massa mir-reġjuni l-aktar milquta mill-bidla fil-klima; telf ta' aktar minn 99% tas-sikek tal-qroll; iktar minn 350 miljun aktar nies li jkunu esposti globalment għal stress ta' sħana fatali sal-2050; u riskju ta' biljuni ta' dollari ta' ħsara lill-infrastruttura pubblika u lill-proprjetà immobbli kostali, speċjalment fil-gżejjer; l-estinzjoni kolossali ta' numru ta' speċi t'annimali u siġar; ilma baħar ħafna iktar aċiduż; inqas xita fuq ċertu reġjuni bħal tagħna, iżda maltempati u *heatwaves* kiefra u qattiela iktar ta' spiss;

Illi diversi Gvernijiet Ewropej diġà approvaw liġijiet proprju dwar l-emerġenza tal-bidla fil-klima, b'limiti imposti fuqhom stess b'liġi ta' tnaqqis fil-livell ta' tniġġis klimatiku;

Illi l-President il-ġdid tal-Kummissjoni Ewropea diġà ddikjarat li trid li l-Unjoni Ewropea tkun *carbon neutral* sal-2050 u t-tnaqqis bin-nofs tad-diossidu tal-karbonju (CO2) sal-2030, li huma miri iktar stringenti minn tal-Ftehim ta' Pariġi (IPCC) tal-2015;

Illi r-reġjun tal-Mediterran huwa r-reġjun mid-dinja kollha li t-temperaturi fih qed jogħlew bl-iktar rata mgħaġġla, wara l-Antarktika;

Illi dawn r-Rapporti ta' esperti u xjentisti mill-iprem mhuma xejn ħlief daqqa ta' ħarta kbira u theddida gravi lill-ogħla istituzzjonijiet dinjitarji, fosthom il-Kamra tar-Rappreżentanti ta' Malta;

Illi peress li Rapport wara l-ieħor qed juru li Malta, hija jew fl-aħħar post jew lejn l-aħħar post, biex tilħaq il-miri ta' tnaqqis fit-tniġġis fl-ajru, tant li għandna l-agħar kwalità ta' arja fl-Unjoni Ewropea;

Billi studji qed juru li l-kaġun ewlieni tat-tniġġis f'Malta huwa t-trasport, sija dak marittimu u sija dak tal-vetturi, b'mod partikolari dak marittimu tant li din is-sena biss ser ikollna xejn inqas minn 122 żjara mill-*cruise liners* li l-aktar iniġġsu fid-dinja għax m'għandhomx SCR *Catalytic systems*, *particulate filters* jew għax jużaw *fuel* b'ħafna ku, u li b'rieda u impenn u pjan fit-tul jistgħu jiġu indirizzati biex filwaqt li jonqos it-tniġġis fl-arja nibżgħu għal din l-industrija ewlenija f'Malta;

Billi hu fatt xjentifiku li t-tniġġis mill-*cruise liners* fil-portijiet tagħna huwa madwar 148 darba iktar mit-tniġġis kollu iġġenerat mill-vetturi kollha fit-toroq tagħna, tant li t-tniġġis fl-ajru fil-Port il-Kbir waħdu huwa stmat li huwa għaxar darbiet iktar minn dak fl-iktar toroq traffikużi f'Malta (huwa stmat

li l-283,000 vettura ġġeneraw 3.4 tunnellati tal-ossidju tal-kubrit li huwa gass qattiel (SOx) mentri 502.8 tunnellata ta’ dan il-gass ġew iġġenerati minn 83 *cruise liner* li żaru ’l Malta s-sena li għaddiet);

Billi t-tniġġis fl-ajru f’Malta huwa stmat mill-Unjoni Ewropea li jiswa iktar minn €182 miljun fi spejjeż mediċi (madwar €2 miljuni fuq l-*asthma* waħedha) u 44,000 jum ta’ xogħol mitlufa minħabba mard respiratorju u li jistgħu jkunu evitati;

Billi hemm prezz mhux biss fi flus, imma fil-kwalità tal-ħajja tagħna lkoll b’dan it-tniġġis, tant li qed imutu iktar nies f’Malta mit-tniġġis fl-ajru milli mit-tipjip, b’medja ta’ ħames imwiet fil-ġimgħa minn mard respiratorju jew il-kumplikazzjonijiet tiegħu;

Billi din il-Kamra tirriżolvi li huwa fl-interess nazzjonali tagħna lkoll li b’mod mill-iżjed ċar tissieħeb ma’ nazzjonijiet oħra u tħabbar ‘Emerġenza tal-Klima’ (*Climate Emergency*) bil-konsegwenti passi u miżuri vinkolanti;

Billi l-ispiża li ma nagħmlu xejn hija bil-bosta iktar mill-ispiża tal-investimenti li rridu nagħmlu ħa nilħqu l-miri stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea u mill-istudji internazzjonali biex ikollna kwalità ta’ ħajja aħjar li hija dritt u mhux korteżija;

Billi hu fatt li t-tibdil fil-klima, għad li hija emerġenza, hija opportunità tajba biex jinħolqu eluf ta’ impjiegi godda fil-*green economy* li però trid impenn nazzionali qawwi, kategoriku u sinċier;

Għaldaqstant din il-Kamra tirriżolvi li twaqqaf Kumitat Permanenti Parlamentari bit-titlu ta’ ‘Kumitat Nazzjonali għall-Emerġenza tat-Tibdil tal-Klima’ b’ħames (5) membri, li tnejn minnhom ikunu min-naħa tal-Oppożizzjoni u tlieta min naħa tal-Gvern b’wieħed minn dawn ikun il-President ta’ dan il-Kumitat Parlamentari;

Dan il-Kumitat Parlamentari jkollu, fost oħrajn, is-setgħa:

1. Li jinnomina persuna ta’ statura morali, għerf legali u li tgawdi l-fiduċja tas-soċjetà Maltija sabiex jinħatar is-Supretendent għat-Tibdil fil-Klima, wara li l-Kamra tkun approvat l-emendi legali li hemm bżonn għal tali ħatra, liema emendi għandhom ikunu proposti minn dan il-Kumitat Permanenti Parlamentari, liema Supretendent ikun responsabbli biex jiżgura li Malta tilħaq il-miri, li għandhom ikunu stabbiliti b’liġi minn din il-Kamra, għal glieda kontra l-bidla fil-klima tal-2030 u tal-2050, bir-rata ta’ tibdil fil-klima tiġi mnaqqsa u konformi mal-livelli mistennija minn pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea;

2. Il-Kumitat imsemmi jkollu r-rwol u d-dover li jieħu kwalsiasi inizjattiva, jippubblika rapporti bl-assistenza ta’ kull parir legali, tekniku u xjentifiku idoneju, li jistieden jew jilqa’ t-talbiet tas-soċjetà ċivili u dawk kollha li jħossu li għandhom x’jikkontribwixxu biex Malta tirbaħ din l-emerġenza u jipproponi kwalunkwe azzjoni meħtieġa lill-Kamra tar-Rappreżentanti sabiex Malta tiġġieled it-tibdil fil-klima għal kwalità ta’ ħajja aħjar għaċ-ċittadini tagħna lkoll; u

3. Il-Kumitat imsemmi għandu jippubblika kull sena Rapport li juri x’ikun sar, jew x’passi misshom jittieħdu biex Malta tilħaq il-miri li din il-Kamra tkun stabbiliet għat-tnaqqis fl-emissjonijiet sal-2030 u sal-2050.

09.10.19

**Il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima l-Onor. José Herrera ressaq din l-Emenda "A":**

Fil-mozzjoni 273 jitneħħa l-kliem minn "Illi dawn ir-rapporti jikkonkludu..." sal-kliem "...din il-Kamra tkun stabbiliet għat-tnaqqis fl-emissjonijiet sal-2030 u sal-2050", u minflok daħħal is-segwenti:

Billi l-aħħar rapporti maħruġa mill-*Intergovernmental Panel on Climate Change* (IPCC) fis-7 ta' Awwissu 2019 bl-isem *Climate Change and Land* u dak tal-24 ta' Settembru 2019 bl-isem *The Ocean and Cryosphere in a Changing Climate* jirrimarkaw dwar l-istat prekarju tal-effetti fit-Tibdil fil-Klima.

Billi dawn ir-rapporti juru bl-aktar mod ċar li bl-azzjonijiet li qegħdin jittieħdu s'issa fuq bażi globali xorta se jwasslu biex it-temperatura globali tiżdied b'aktar minn 2 gradi Celsius lil hinn mil-livelli pre-industrijali.

Billi l-konferenza ta' Pariġi (COP 21) ta' Diċembru 2015, qablet li jridu jsiru sforzi li jnaqqsu ż-żieda fit-temperatura għal ferm anqas minn 2 gradi Celsius bl-għan ewlieni jkun ta' mhux aktar minn żieda ta' 1.5 grad Celsius.

Billi dan ir-rapport diġà jidentifika illi ġiet reġistrata żieda ta' grad Celsius u dan huwa attribwit b'mod dirett għall-attivitajiet umani.

Billi din iż-żieda diġà qiegħda timpatta komunitajiet, ekosistemi u l-iżvilupp ekonomiku b'mod globali u dan anke rikonoxxut b'evidenza ta' diversi diżastri u fenomini naturali bħal nixfiet u għargħar estensivi f'numru ta' pajjiżi partikolarment gżejjer żgħar u reġjuni kostali.

Illi tinnota kif is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda f'Lulju 2019 kiteb lill-Mexxejja tal-pajjiżi kollha biex jagħmlu l-pjanijiet tagħhom kif se jilħqu *carbon neutrality* sal-2050.

Illi tinnota wkoll kif il-Parlament Ewropew f'Marzu li għadda talab li jkun hemm iżjed ambizzjoni sabiex ikun assigurat li tintlaħaq il-mira ta' *carbon neutrality* sal-2050.

Illi tinnota kif il-President elett tal-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha li ddaħħal leġiżlazzjoni biex l-Unjoni Ewropea tilħaq newtralità karbonika (*carbon neutrality*) sal-2050.

Illi tinnota kif fl-aħħar *Summit* tan-Nazzjonijiet Magħquda dwar it-Tibdil fil-Klima saru diversi appelli biex il-pajjiżi jkunu aktar ambizzjużi b'mod globali biex jintlaħqu dawn il-miri.

Illi tinnota li l-kapital  naturali, il-bijodiversità, u l-ekosistemi huma importanti ħafna għas-saħħa tagħna.

Illi tagħraf li l-ekosistemi tagħna jipprovdulna firxa wiesgħa ta' benefiċċji inkluż arja nadifa, ilma nadif, spazju naturali, kif ukoll kuntatt man-natura.

Illi dawn l-ekosistemi jinstabu taħt pressjoni u f'riskju ta' vulnerabblità ġaladarba t-tibdil fil-klima jkompli jilħaq livelli allarmanti.

Illi l-Parlament ta' Malta jagħraf l-impenn sħiħ tal-Gvern Malti dwar it-Tibdil fil-Klima hekk kif:

1) Kien fost l-ewwel minn ftit pajjiżi li introduċa qafas leġiżlattiv dwar it-tibdil fil-Klima u dan permezz tal-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima, Kapitlu 543, fl-2015;

2) Dan l-Att ġie introdott bi qbil unanimu tal-Kamra;

3) Dan l-Att qiegħed jipprovdi għal azzjoni sabiex jikkontribwixxi għat-tnaqqis fit-tibdil fil-klima;

4) It-tibdil fil-klima tad-dinja u l-konsegwenzi ħżiena tiegħu huma ta' tħassib komuni għall-umanità;

Illi permezz tal-artikli 10 u 11 tal-Att 543 tal-liġijiet ta' Malta ġie stabbilit Bord tal-Azzjoni dwar il-Klima bil-funzjonijiet preċiżi li jara li t-tibdil fil-klima f'Malta tkun indirizzata.

Illi dan il-bord huwa kompost minn *chairperson*, viċi *chairperson*, membri li jirrappreżentaw Ministeri varji responsabbli mill-politika li għandha impatt fuq it-tibdil fil-klima kif elenkati f'artiklu 10 subartiklu (c) tal-Att 543 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll rappreżentant mill-Università ta' Malta, Kamra tal-Kummerċ u Għaqdiet Ambjentali.

Illi Malta hija waħda mill-ftit pajjiżi li għandha Ambaxxatur maħtur għall-Azzjonijiet dwar il-Klima, liema ambaxxatur jipresjedi l-bord referut.

Illi din il-Kamra qiegħda tilqa' b'mod pożittiv il-miżuri li diġà implimenta l-Gvern permezz tad-deċiżjoni għaqlija li pajjiżna jaqleb mill-*Heavy Fuel Oil* għall-gas naturali fil-ġenerazzjoni tal-elettriku.

Billi permezz ta' din il-miżura pajjiżna ra tnaqqis b'21% fl-emissjonijiet mill-ġenerazzjoni tal-enerġija u dan anke permezz tal-investiment fl-*interconnector*.

Illi din il-Kamra filwaqt li tirikonoxxi r-realtajiet marbuta mal-karatteristiċi ġeofiżiċi ta' pajjiżna, rajna żieda fil-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinovabbli minn inqas minn 2% fl-2011 għal 7.8% fis-sena 2018 u dan attribwit ukoll għall-politika tas-*solar farms*.

Illi din il-Kamra tirikonoxxi li pajjiżna huwa fost l-inqas pajjiżi li jiġġenera emissjonijiet *per capita* relatati mat-tibdil fil-klima fl-Unjoni Ewropea.

Illi din il-Kamra tagħraf li it-tibdil fil-klima huwa riżultat ta' emissjonijiet minn setturi varji inkluż l-industrija u l-produzzjoni tal-enerġija, it-trasport inkluż trasport fit-toroq, mis-settur marittimu u s-settur tal-avjazzjoni, il-bini, l-agrikoltura u l-iskart.

Illi din il-Kamra tirrikonoxxi li l-Unjoni Ewropea qed tirregola l-emissjonijiet ta' dawn l-oqsma permezz ta' liġijiet differenti b'mod partikolari l-*EU Emission Trading Scheme* u l-*Effort Sharing Regulation*.

Li sal-ġurnata tal-lum is-settur marittimu huwa l-unika settur eżenti, filwaqt li s-settur tal-avjazzjoni qed ikun regolat għal dawk it-titjiriet li jsiru bejn ajruporti li qegħdin fl-Unjoni Ewropea.

Illi din il-Kamra tagħraf li hemm differenza bejn gassijiet serra li jaffettwaw it-tibdil fil-klima u emissjonijiet oħra li jaffettwaw il-kwalità tal-arja.

Illi din il-Kamra tirikonoxxi t-twaqqif ta' Aġenzija dwar l-irkupru tar-riżorsi u riċiklaġġ bħala pass pożittiv li hija mmirata biex tippromwovi u timplimenta proġetti u inċentivi f'qafas ta' ekonomija

ċirkulari fosthom l-iskema ta' depożitu fuq il-kontenituri tal-plastik, metall u ħġieġ, u l-iskema ta' separazzjoni tal-iskart inkluż skart organiku;

Billi permezz tal-Awtorità tal-Ambjent u Riżorsi qiegħda titħejja n-*National Biodiversity Action Plan*.

Billi l-Gvern fil-Budget imħabbar għas-sena 2020 introduċa u tejjeb sensiela ta' miżuri favur it-tnaqqis fit-Tibdil fil-Klima.

Billi l-Gvern fil-Budget imħabbar għas-sena 2020 introduċa skema ta' proġett pilota ta' tħawwil ta' numru konsiderevoli ta' siġar f'art privata.

Billi l-Gvern tul dawn l-aħħar snin qiegħed b'mod intensiv jinvesti fi proġetti ta' afforestazzjoni f'diversi partijiet f'Malta u Għawdex inkluż il-widien tagħna fejn b'dawk pjanati diġà jlaħħqu mat-80,000 siġra u arbuxell.

Illi jiġi rikonoxxut li pajjiżna m'għandux industriji intensivi fl-użu tal-karbonju bħalma huma industriji li jaħdmu bil-faħam.

Billi pajjiżna qiegħed jagħraf u jirrikonoxxi l-figuri maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika kif ukoll dawk Ewropej fejn juru illi f'pajjiżna fl-2018 46% tal-gassijiet serra qegħdin joriġinaw mis-settur ta' trasport kif ukoll 17% huma attribwiti għall-gassijiet relatati ma' sistemi ta' arja kundizzjonata.

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rapporti fis-settur tat-trasport il-Gvern sa mill-2018 beda l-proċess sabiex tiġi identifikata d-data sa meta pajjiżna jwaqqaf l-importazzjoni ta' vetturi li jaħdmu bi *fuel* li jniġġeż f'qafas ta' strateġija ħolistika.

Illi l-Gvern huwa impenjat bi programm intensiv ta' proġetti infrastrutturali fit-toroq sabiex titnaqqas il-kongestjoni tat-triffiku u b'hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet rispettivi.

Illi l-Ġvern wettaq b'suċċess inizjattiva introdotta fl-2018 fejn qiegħed jigi offrut trasport b'xejn lill-istudenti li jattendu fl-iskejjel primarji tal-istat u tal-knisja.

Illi apparti miżuri ta' mitigazzjoni, l-Gvern diġà imbarka fuq miżuri ta' adattament inkluż permezz tal-impjant ta' *new water* li huwa minn tal-ewwel fl-Unjoni Ewropea u li qed joffri ilma tajjeb għall-bdiewa.

Għaldaqstant permezz ta' din il-mozzjoni l-Kamra qiegħda tirriżolvi:

1) Illi l-Parlament ta' Malta kien fost l-ewwel minn ftit pajjiżi li introduċa qafas leġiżlattiv dwar it-tibdil fil-klima u dan permezz tal-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima, Kapitlu 543, fl-2015, liema Att effettivament jirrikonoxxi Emerġenza jew Kriżi Klimatika.

2) Illi l-Parlament ta' Malta permezz ta' din il-mozzjoni qiegħed b'mod kollettiv jirrafferma l-impenn ta' pajjiżna favur azzjonijiet u l-implimentazzjoni ta' politika ħolistika dwar it-Tibdil fil-Klima, hekk kif rifless fl-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima, li jirrikonoxxi Emerġenza jew Kriżi Klimatika.

3) Li sa nofs is-sena 2020 tiġi dikjarata d-data sa meta pajjiżna jwaqqaf l-importazzjoni ta' vetturi li jaħdmu bi *fuel* li jniġġeż f'qafas ta' strateġija ħolistika.

4) Il-Bord tal-Azzjoni dwar il-Klima jorganizza matul l-2020 Konferenza Nazzjonali dwar it-Tibdil fil-Klima bil-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali kollha involuti.

5) Il-Gvern permezz tal-Ministeri kkonċernati jkomplu bi tħejjija u l-implimentazzjoni ta' diversi miżuri intiżi idonji sabiex itaffu l-effetti tat-tibdil fil-klima.

6) Il-Gvern ikompli bil-ħidma intensiva sabiex jitwettqu aktar proġetti ta' afforestazzjoni bi tħawwil ta' eluf ta' siġar kull sena.

7) Il-Gvern ikompli jinvesti f'aktar spazji miftuħa u dawk semi pedonali fiż-żoni urbani biex b'hekk jiġi inċentivat aktar l-użu ta' trasport alternattiv.

8) Il-Gvern jimpenja ruħu sabiex jitfassal programm sabiex il-vetturi li juża l-Gvern, inkluż dawk mikrija, ikunu vetturi li ma jniġġsux.

9) Il-Gvern jimpenja ruħu li jitfassal programm biex il-vetturi li jintużaw it-trasport pubbliku jkunu vetturi li ma jniġġsux

10) Il-Gvern jimpenja ruħu sabiex ikompli jinċentiva b'mod dirett l-użu ta' trasport alternattiv u dak pubbliku filwaqt li jkompli jaħdem favur infrastruttura li tinċentiva dan it-tip ta' trasport.

11) Il-Gvern jimpenja ruħu li fi żmien tliet xhur il-Ministru jressaq għad-diskussjoni fil-kumitat permanenti għall-ambjent ir-rapport annwali preparat mill-Bord tal-Azzjoni dwar il-Klima.

12) Il-Gvern jevalwa l-possibilità sabiex skejjel u Binjiet Governattivi jiġu mibdula għall-*carbon neutral* sas-sena 2030.

13) Il-Gvern jimpenja ruħu sabiex matul l-2020 jippubblika *Low Carbon Development Strategy* li tinkludi miżuri ta' mitigazzjoni u adattament.

14) Il-Gvern jimpenja ruħu li matul l-2020 jiġi mfassal programm sabiex fix-xhur u snin ta' wara jiġu mnedija skemi u iniżjattivi favur miżuri li jindirizzaw it-tibdil fil-klima.

**Bil-permess tal-Kamra fis-Seduta 257 tat-22 ta' Ottubru 2019, il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima rtira l-emenda li kien ressaq fis-Seduta 255 tas-17 ta' Ottubru 2019.**

**Il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima l-Onor. José Herrera ressaq din l-Emenda "B":**

Il-Mozzjoni 273 għandha tiġi emendata billi jitneħħa l-kliem minn "Illi dawn ir-rapporti jikkonkludu" sal-kliem Kamra tkun stabbiliet għat-tnaqqis fl-emissjonijiet sal-2030 u sal-2050.; ", u minflok daħħal is-segwenti:

Billi l-aħħar rapporti maħruġa mill-*Intergovernmental Panel on Climate Change* (IPCC) fis-7 ta' Awwissu 2019 bl-isem *Climate Change and Land* u dak tal-24 ta' Settembru 2019 bl-isem *The Ocean and Cryosphere in a Changing Climate* jirrimarkaw dwar l-istat prekarju tal-effetti fit-tibdil fil-klima;

Billi dawn ir-rapporti juri bl-aktar mod ċar li bl-azzjonijiet li qegħdin jittieħdu s'issa fuq bażi globali xorta se jwasslu biex it-temperatura globali tiżdied b'aktar minn 2 gradi Celsius lil hinn mil-livelli pre-industrijali;

Billi l-Konferenza ta' Pariġi (COP 21) ta' Diċembru 2015 qablet li jridu jsiru sforzi li jnaqqsu ż-żieda fit-temperatura għal ferm anqas minn 2 gradi Celsius bl-għan ewlieni jkun ta' mhux aktar minn żieda ta' 1.5 grad Celsius;

Billi dan ir-rapport diġà jidentifika illi ġiet reġistrata żieda ta' grad Celsius u dan huwa attribwit b'mod dirett għall-attivitajiet umani;

Billi din iż-żieda diġà qiegħda timpatta komunitajiet, ekosistemi u l-iżvilupp ekonomiku b'mod globali u dan anke rikonoxxut b'evidenza ta' diversi diżastri u fenomini naturali bħal nixfiet u għargħar estensivi f'numru ta' pajjiżi partikolarment gżejjer żgħar u reġjuni kostali;

Illi tinnota kif is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda f'Lulju 2019 kiteb lill-Mexxejja tal-pajjiżi kollha biex jagħmlu l-pjanijiet tagħhom kif se jilħqu *carbon neutrality* sal-2050;

Illi tinnota wkoll kif il-Parlament Ewropew f'Marzu li għadda talab li jkun hemm iżjed ambizzjoni sabiex ikun assigurat li tintlaħaq il-mira ta' *carbon neutrality* sal-2050;

Illi tinnota kif il-President elett tal-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha li ddaħħal leġiżlazzjoni biex l-Unjoni Ewropea tilħaq newtralità karbonika (*carbon neutrality*) sal-2050;

Illi tinnota kif fl-aħħar *Summit* tan-Nazzjonijiet Magħquda dwar it-Tibdil fil-Klima saru diversi appelli biex il-pajjiżi jkunu aktar ambizzjużi b'mod globali biex jintlaħqu dawn il-miri;

Illi tinnota li l-kapital naturali, il-bijodiversità, u l-ekosistemi huma importanti ħafna għas-saħħa tagħna;

Illi tagħraf li l-ekosistemi tagħna jipprovdulna firxa wiesgħa ta' benefiċċji, inkluż arja nadifa, ilma nadif, spazju naturali, kif ukoll kuntatt man-natura;

Illi dawn l-ekosistemi jinstabu taħt pressjoni u f'riskju ta' vulnerabblità ġaladarba t-tibdil fil-klima jkompli jilħaq livelli allarmanti;

Illi din il-Kamra tirrikonoxxi li l-Unjoni Ewropea qed tirregola l-emissjonijiet ta' dawn l-oqsma permezz ta' liġijiet differenti b'mod partikolari l-*EU Emission Trading Scheme* u l-*Effort Sharing Regulation*;

Li sal-ġurnata tal-lum is-settur marittimu huwa l-unika settur eżenti, filwaqt li s-settur tal-avjazzjoni qed ikun regolat għal dawk it-titjiriet li jsiru bejn ajruporti li qegħdin fl-Unjoni Ewropea;

Illi din il-Kamra tagħraf li hemm differenza bejn gassijiet serra li jaffettwaw it-tibdil fil-klima u emissjonijiet oħra li jaffettwaw il-kwalità tal-arja;

Għaldaqstant permezz ta' din il-mozzjoni il-Kamra qiegħda tirriżolvi:

1) Illi l-Parlament ta' Malta permezz ta' din il-mozzjoni qiegħed b'mod kollettiv jiddikjara Emerġenza jew Kriżi Klimatika;

2) Il-Gvern ser jibqa' impenjat sabiex ikompli jwettaq il-miżuri u l-azzjonijiet idonji kontra l-impatt u l-effetti tat-tibdil fil-klima;

3) Illi jsiru l-emendi necessarji fil-liġijiet ta' Malta fejn jinbidel l-isem tal-Kumitat Permanenti Parlamentari dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp għall-'Kumitat Permanenti Parlamentari dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp' u t-termini tal-istess kumitat ħalli jirriafferma l-impenn ta' pajjiżna favur azzjonijiet u l-implimentazzjoni ta' politika ħolistika dwar it-Tibdil fil-Klima;

4) Illi sa nofs is-sena 2020 tiġi dikjarata d-data sa meta pajjiżna jwaqqaf l-importazzjoni ta' vetturi li jaħdmu bi *fuel* li jniġġeż f'qafas ta' strateġija ħolistika;

5) Illi l-Bord tal-Azzjoni dwar il-Klima jorganizza matul l-2020 Konferenza Nazzjonali dwar it-Tibdil fil-Klima bil-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali kollha involuti;

6) Illi l-Gvern permezz tal-Ministeri kkonċernati jkomplu bi tħejjija u l-implimentazzjoni ta' diversi miżuri intiżi idonji sabiex itaffu l-effetti tat-tibdil fil-klima;

7) Illi l-Gvern jimpenja ruħu li jkompli jwettaq aktar proġetti ta' afforestazzjoni;

8) Illi l-Gvern ikompli jinvesti f'aktar spazji miftuħa u dawk semi pedonali fiż-żoni urbani biex b'hekk jiġi inċentivat aktar l-użu ta' trasport alternattiv;

9) Illi l-Gvern jimpenja ruħu sabiex jitfassal programm sabiex il-vetturi li juża l-Gvern, inkluż dawk mikrija, ikunu vetturi li ma jniġġżux;

10) Illi l-Gvern jimpenja ruħu li jitfassal programm biex il-vetturi li jintużaw għat-trasport pubbliku jkunu vetturi li ma jniġġżux;

11) Illi l-Gvern jimpenja ruħu sabiex ikompli jinċentiva b'mod dirett l-użu ta' trasport alternattiv u dak pubbliku filwaqt li jkompli jaħdem favur infrastruttura li tinċentiva dan it-tip ta' trasport;

12) Illi l-Gvern jimpenja ruħu li fi żmien tliet xhur il-Ministru jressaq għad-diskussjoni fil-kumitat permanenti għall-ambjent ir-rapport annwali preparat mill-Bord tal-Azzjoni dwar il-Klima;

13) Illi l-Gvern jevalwa l-possibilità sabiex skejjel u binjiet governattivi jiġu mibdula għal *carbon neutral* sas-sena 2030;

14) Illi l-Gvern jimpenja ruħu sabiex matul l-2020 jippubblika *Low Carbon Development Strategy* li tinkludi miżuri ta' mitigazzjoni u adattament;

15) Illi l-Gvern jimpenja ruħu li matul l-2020 jiġi mfassal programm sabiex fix-xhur u snin ta' wara jiġu mnedija skemi u inizjattivi favur miżuri li jindirizzaw it-tibdil fil-klima.

**L-Onor. Jason Azzopardi ssekonda.**

**L-Emenda "B" għaddiet nem. con.**

**Il-mozzjoni Nru 273, kif emendata, għaddiet nem. con fis-Seduta 257 tat-22 ta' Ottubru 2019.**